MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 396/2009

**Muscat Frank et**
**vs**

**D-Kayos Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 ta' Mejju, 2009 fejn intalab illi ls-socjeta' konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' tlett elef erbgha mija u hamsa u disghin Ewro (€3,495) rapprezentanti xoghol u spejjez inkorsi fil-hanut D-Kayos bhala sehem il-kumpanija konvenuta.
Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta.

Ra r-risposta tal-kumpanija konvenuta ipprezentata fis-7 ta' Lulju, 2009 fejn is-socjeta' konvenuta cahdet illi dan l-ammont mitlub huwa dovut peress illi l-attur arbitrarjament qasam il-hanut u hadu kollox taht il-kontroll taghhom u

filfatt ghandhom jithallsu minghand l-atturi fuq liema mertu hemm kawza ohra pendenti.

Ra illi s-socjeta' konvenuta hija notifikata u filfattipprezentat risposta pero din ma dehret ghal ebda seduta hlief ghal rikors ipprezentat mill-PL Victor Bugeja fl-1 tà April, 2011 fejn informa t-Tribunal illi t-transazzjoni bejn il-partijiet baqghet ma sehhitx u talab sabiex il-kawza tigi defferita ghara l-15 ta' Gunju, 2011. Filfatt kien hemm zewg seduti ohra u cioe dik tat-22 ta' Gunju 2011 u tas-26 ta' Settembru, 2011 fejn is-socjeta konvenuta baqghet ma dehritx.

Illi t-Tribunal ra n-nota tal-mistoqsijiet ta' l-atturi ghas-subizzjoni tas-socjeta' konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Art 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm mhux sikwit li tigri li jigi pprezentat Kapitlu ghas-subizzjoni wara li jkun hemm risposta mill-konvenut peress illi s-socjeta' konvenuta ma dehritx la fis-seduta tat-3 ta' Novembru, 2011 meta gie pprezentat il-Kapitlu u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tigi bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentament ppruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V tal 1995, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lil attur, s-somma rikjesta fl-ammont ta' tlett elef erbgha mija u hamsa u disghin Ewro (€3,495), bl-imghaxijiet legali dekorribli mid-data tal-prezentata ta' l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza kontra l-istess socjeta konvenuta .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------